

**Dispożittiv**

- 1) Il-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti ta' Stat Membru ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwima dwar azzjoni għad-danni mressqa fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolghu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 kontra kumpannija tal-ajru, stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għar-raġuni li din il-kumpannija għandha fergħa fit-territorju tal-ġurisdizzjoni ġeografika tal-qorti adita mingħajr ma din il-fergħa ma kienet involuta fir-relazzjoni legali bejn il-kumpannija u l-passiġġier ikkonċernat.
- 2) L-Artikolu 26(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax f'każ, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-konvenut ma ppreżentax osservazzjonijiet jew ma deherx.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 392, 29.10.2018.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-22 ta' Frar 2019 — Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC), Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl vs De Vellis Servizi Globali Srl**

(Kawża C-155/19)

(2019/C 206/22)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinvju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC), Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl

*Appellata:* De Vellis Servizi Globali Srl.

**Domandi preliminari**

- 1) L-ewwel domanda

— fuq il-bażi tal-karatteristiki tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tad-dritt sporttiv, il-Federazzjoni Taljana tal-Futbol tista' tiġi kklassifikata bħala *organu rregolat mid-dritt pubbliku*, inkwantu hija maħluqa sabiex tissodisfa speċifikament ħtiġijiet ta' interess ġenerali ta' natura mhux industrijali jew kummerċjali?

- b'mod partikolari, ir-reqwizit teleoloġiku tal-organu huwa ssodisfatt fir-rigward tal-*Federazzjoni* minkejja l-assenza ta' att formali li jistabbilixxi awtorità pubblika u minkejja li l-*Federazzjoni* hija stabbilita fil-forma ta' assoċjazzjoni, minħabba li din taqa' taħt dritt settorjali (id-dritt sportiv) organizzat skont mudelli ta' tip pubbliku u minħabba li hija meħtieġa tosserva l-prinċipji u r-regoli redatti mill-*Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan* u mill-organi sportivi internazzjonali, permezz tar-rikonoxximent għal finijiet sportivi tal-entità pubblika nazzjonali?
- barra minn hekk, dan ir-reqwizit jista' jiġi ssodisfatt fir-rigward ta' *Federazzjoni* sportiva bħall-*Federazzjoni Taljana tal-Futbol*, li tgawdi minn kapaċità ta' awtofinanzjament, fir-rigward ta' attività mhux ta' natura pubblika, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, jew għall-kuntrarju, ir-reqwizit li fkull każ tiġi żgurata l-applikazzjoni tar-regoli relatati mal-għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-għoti lil terzi ta' kull tip ta' kuntratt minn din l-entità, għandu jitqies bħala prevalenti?

2) It-tieni domanda

- fuq il-bażi tar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-C.O.N.I. u l-F.I.G.C — *il-Federazzjoni Taljana tal-Futbol*, dak tal-ewwel għandu, fir-rigward tat-tieni, influwenza dominanti fid-dawl tas-setgħat legali ta' rikonoxximent tal-kumpannija għal finijiet sportivi, ta' approvazzjoni tal-bilanċi annwali u ta' sorveljanza fir-rigward tat-tmexxija u tal-funzjonament tajjeb tal-korpi kif ukoll ta' tqegħid taħt tutela tal-entità?
- għall-kuntrarju dawn is-setgħat għandhom jitqiesu bħala li ma humiex biżżejjed sabiex ir-reqwizit tal-*influenza pubblika dominanti* li tikkaratterizza l-*organu rregolat mid-dritt pubbliku* jkun issodisfatt, minħabba l-parteċipazzjoni sinjifikattiva tal-presidenti u tar-rappreżentanti tal-*Federazzjonijiet* sportivi fil-korpi fundamentali tal-*Kumitat Olimpiku*?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-22 ta' Frar 2019 — Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC), Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl vs De Vellis Servizi Globali Srl**

**(Kawża C-156/19)**

(2019/C 206/23)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti*: Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC), Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl

*Appellata*: De Vellis Servizi Globali Srl.